**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 27 – L-ERBGĦA 29 TA'LULJU 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Skużat: | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċċjal Amministrattiv II |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li kien irċieva apoloġija minn għand il-Kunsillier Brincat minħabba li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba impenji li ma setax jikkanċella.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-minuti tal-laqgħa preċedenti intbagħtu qabel din il-laqgħa lill-Kunsillieri u għalhekk kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsill approvahom *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Noel Gatt issekondat mill-Kunsillier Andre' Muscat.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressaq il-komunikazzjonijiet tiegħu kif ġej:

3.1.1. Nhar l-24 ta' Ġunju, is-Sindku, flimkien mas-SE, kellhom laqgħa ma'

rappreżentanti tal-FTS dwar l-iskola primarja. Matul din il-laqgħa, r-rappreżentanti tal-FTS talbu li ssir eċċezzjoni fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol, peress li nqala' ħafna aktar xogħol milli kien previst.

3.1.2. Fil-25 ta' Ġunju, s-Sindku, flimkien mas-SE u membru tal-amministrazzjoni, attendew għas-smigħ taż-żewġ appelli dwar it-tender tat-tindif tat-toroq mhux urbani. It-tieni seduta nżammet lejliet din il-laqgħa.

3.1.3. Fis-7 ta' Lulju saret l-ewwel laqgħa mal-għaqdiet dwar il-festa. Flimkien mas-Sindku kienu preżenti s-SE u uffiċjali mill-amministrazzjoni.

3.1.4. Fl-10 ta' Lulju, is-Sindku, flimkien ma' numru ta' kunsilliera u membri tal-amministrazzjoni, attendew għall-BBQ annwali organizzat mil-LCA. Is-Sindku rringrazzja lil-LCA għal din l-inizjattiva.

3.1.5. Fil-15 ta' Lulju, is-Sindku, flimkien mas-SE, attendew għal laqgħa mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet dwar il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli f'Baħar iċ-Ċagħaq. Min-naħa tad-Diviżjoni kienu preżenti d-Direttur Ġenerali, il-perit u għadd ta' uffiċjali. L-għan tal-laqgħa kien li jiġu indirizzati x-xogħlijiet meħtieġa.

3.1.6. Fis-16 ta' Lulju saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Il-minuti ta' din il-laqgħa se jitressqu għall-approvazzjoni aktar tard matul din il-laqgħa.

3.1.7. Fis-17 ta' Lulju, is-Sindku attenda għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun Tramuntana. Matul l-istess laqgħa ġie mniedi ktieb dwar ir-Reġjun bl-isem The Colourful North. Għal din il-laqgħa attendew ukoll il-Kunsillieri Andrè Muscat u Godwin Grech.

3.1.8. Nhar it-23 ta' Lulju saret il-laqgħa tas-Sottokumitat għat-Talbiet u l-Ilmenti. Il-minuti ta' din il-laqgħa se jitressqu għall-approvazzjoni aktar tard matul din il-laqgħa.

3.1.9. B'riferenza għal punti 3.1.2., nhar it-28 ta' Lulju kompla jinstema' l-appell dwar it-tender tat-tindif tat-toroq mhux urbani. Issa qed tiġi mistennija d-deċiżjoni tal-Bord dwar dan l-appell.

3.1.10. Is-Sindku informa li beda x-xogħol fuq il-monument li l-Kunsill ikkummissjona fl-okkażjoni tat-300 anniversarju mill-miġja tal-istatwa tal-Vitorja fin-Naxxar. Sadanittant, is-Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) u l-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku qed jirrakkomandaw li l-monument ma jitpoġġiex man-naħa tal-faċċata. Qed jirrakkomandaw ukoll li l-materjal propost mill-artist Jennings Falzon, jiġifieri l-irħam ta' Carrara, jinbidel għal travertin.

3.1.10.1. Is-Sindku tkellem mal-artist, li ma qabilx ma' din l-opinjoni.

Personalment, is-Sindku jemmen li, fejn jidħlu monumenti artistiċi, l-aħħar kelma għandha tkun tal-artist, għaliex fl-aħħar mill-aħħar din il-biċċa xogħol se ġġorr ismu. Peress li qatt ma kien antiċipat li kien se jkun hemm oġġezzjoni dwar il-monument, u minħabba li ż-żmien mhuwiex favur il-Kunsill, l-artist diġà beda jaħdem fuqu.

3.1.10.2. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-monument jitpoġġa mal-ġenb tal-Knisja (hekk kif qed ikun rakkomandat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) u l-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku).

3.1.10.3. B'riferenza għal materjal li għandu jkun użat, il-Kunsill qabel li possibilment il-materjal għandu jinżamm hekk kif propost mill-artist.

3.1.11. Is-Sindku jinsab infurmat ukoll li x-xogħol fuq it-Torri tal-Kaptan se jibda nhar il-Ġimgħa li ġej. Is-Sindku fakkar li dan ix-xogħol għandu l-għan li jelimina l-periklu u jevita li ssir aktar ħsara. Ix-xogħol se jsir wara l-ħsarat li ġarrab it-Torri minħabba l-maltemp.

3.1.12. Is-Sindku talab lis-SE sabiex fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss jinkludi punt biex tiġi deċiża data għal laqgħa pubblika.

3.1.12.1. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika tkun fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Settembru. Il-laqgħa pubblika ssir wara l-laqgħa tal-Kunsill.

3.1.13. Is-Sindku feraħ u rringrazzja lill-Kunsillier Mark Deguara tal-organizzazzjoni tal-Lejla Maltija. B'żieda ma' dan u lill hinn minn din l-attività, s-Sindku fakkar li l-Kunsill kien qabel li jiġu organizzati biss il-Lejla Maltija, l-attività tal-Halloween u l-attività tal-Milied. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera kollha biex jipparteċipaw u jagħtu sehemhom f'dawn l-attivitajiet. Huwa saħaq dwar l-importanza li l-amministrazzjoni tkun infurmata bid-dettalji tal-attività kif ukoll fl-importanza li kulħadd iżomm mal-baġit stipulat.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

A. **SKEDA TAL-PAGAMENTI** Anness A**;**

I. Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Mark Deguara ssekondat mill-Kunsillier Andre' Muscat.

B. **SKEDA TA' DĦUL** Anness B;

I. Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Noel Gatt issekondat mill- Kunsillier Godwin Grech.

C. **SKEDA TA' ORDNIJIET** Anness Ċ;

I. Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Maryanne Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Louis Camilleri.

D. **INFIQ MILL-PETTY CASH** Anness D;

I. Il-Kunsill approva fuq proposta tas-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Mark Deguara.

6. **MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI** Anness E;

6.1. Dawn il-minuti ġew approvati *nem con*.

7. **MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U ILMENTI** Anness F;

7.1. Dawn il-minuti ġew approvati *nem con*.

8. **MOZZJONI DWAR IL-MONTI TAN-NAXXAR;**

8.1. Il-Kunsillier Muscat qara l-mozzjoni, Anness G.
8.2. Din il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sindku.
8.3. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel mal-mozzjoni *nem con.*

9. **MOZZJONI DWAR FTUĦ TA' KONT TAL-BANK ĠDID;**

9.1. Is-Sindku ressaq mozzjoni quddiem il-Kunsill sabiex jinfetaħ kont tal-bank ġdid u li miegħu tkun abbonata *debit card.* Annessa H.
9.2. Din qed titressaq biex tiffaċilita xiri online, riklamar fis-social media, etc. mill-Kunsill.
9.3. Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk hux se jkun preżentat rendikont ta' l-użu ta' din il-*card.*
9.4. Is-SE ikkonferma li hemm proċedura estensiva ta' kontrolli. Huwa kkonferma wkoll li f'kull laqgħa tal-Kunsill se jkun ippreżentat b'*bank statement* ta dan il-kont.
9.5. Is-SE informa li din il-*card* ma jkunx possibbli li wieħed jiġbed flus kontanti minnha. Din il-*card* tkun użatha bl-awtorizzazzjoni kemm tas-Sindku u tas-SE.
9.6. Wara din id-diskussjoni il-Kunsill qabel ma din il-mozzjoni *nem con.*

10. **TRIQ PIETRU CAXARO F'DIREZZJONI WAĦDA;**

10.1. Is-Sindku fakkar li r-residenti tal-akwata kienu ilhom jitolbu li din it-triq issir f'direzzjoni waħda, iżda minħabba kif kienet it-triq kienet se tiġi iktar perikoluża.
10.2. Dan issa sar possibbli wara li tneħħa ħajt li kien il-barra mil-linja.
10.3. Saret konsultazzjoni mar-residenti tal-madwar u minnhom waslu 17 favur u tnejn (2) kontra. Dawk kontra ġew evalwati biex sa fejn hu possibbli jiġu ndirizzati d-diffikultajiet tar-residenti.
10.4. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel *nem con* li Triq Pietru Caxaro ssir f'direzzjoni waħda li tinżel l-isfel lejn Triq Jules Verne.

11. **IMPJIEG TA' SKRIVAN/A;**

11.1. Is-Sindku fakkar li waħda mill-impjegati fl-amministrazzjoni kienet ppreżentat ir-riżenja tagħha.

11.2. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess sabiex tiġi ngaġġata persuna oħra f'dan l-impjieg.
11.3. Il-Kunsill irringrazzja lil din l-impjegata għas-servizz tagħha ġewwa l-Kunsill.

## 12. ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN;

12.1. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill se jkun qed itella' 3 attivitajiet fis-sena li huma l-lejla Maltija, il-Halloween u l-Milied.
12.2. Is-Sindku esprima x-xewqa li kull kunsillier jieħu sehem u jaħdem f'dawn l-attivitajiet.
12.3. Huwa saħaq li kulħadd irid jara li jagħmel ix-xogħol li jkun ingħata lilu kif ukoll li jinżamm il-baġit allokat.
12.4. Is-Sindku żied jgħid li l-attivitajiet għandhom jiġu kkoordinati mill-amministrazzjoni u, għalhekk, kull proċess għandu jgħaddi minnha. B'dan il-mod jiġi żgurat li jinżamm il-baġit allokat u li kollox isir skont ir-regoli u l-liġi.

## 13. IS-SITWAZZJONI TAL-BINS TAL-ĦWEJJEĠ – SOSPENSJONI TAS-SERVIZZ;

13.1. Is-Sindku informa li s-servizz tal-bins tal-ħwejjeġ ġie sospiż u għalhekk ippropona li l-kunsill jitlob li dawn jitneħħew mis-sidien tagħhom.
13.2. Il-Kunsill qabel *nem con.*

## 14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

14.1. Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

14.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 26 ta' Awwissu fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

22 ta' Lulju, 2026

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/27

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/27

1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ rapporti finanzjarji:

   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta’ dħul;
   c. Skeda ta’ ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;

6 Minuti tal-Kumitat tal-Finanzi;

7 Minuti tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Ilmenti;

8 Mozzjoni dwar il-monti tan-Naxxar;

9 Mozzjoni dwar ftuħ ta’ kont tal-bank ġdid;

10 Triq Pietru Caxaro f’direzzjoni waħda;

11 Impjieg ta’ skrivan/a;

12 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin;

13 Is-sitwazzjoni tal-bins tal-ħwejjeġ – sospensjoni tas-servizz;

14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

A

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 9/27

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | A6it | €64.90 | €64.90 | NA | PF | Yearly premium for naxxar.com (29.9.26-28.9.27) | 01/07/2026 | 6321 | n/a | n/a | 3130 |
| 2 | Adi | €283.20 | €283.20 | T | PF | Review of planning applications - May 26 | 31/05/2026 | 147 | n/a | n/a | 3113 |
| 3 | Adi | €283.20 | €283.20 | T | PF | Review of planning applications - June 26 | 30/06/2026 | 158 | n/a | n/a | 3113 |
| 4 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for June 2026 | 30/06/2026 | 2018-11320 | n/a | n/a | 3165 |
| 5 | Antes | €481.20 | €481.20 | NA | PF | CAR policy for works at latrina Labour Avenue | 06/07/2026 | 558155499 | n/a | n/a | 3402 |
| 6 | Antes | €294.50 | €294.50 | D | PF | Public Liability for event on 25.7.2026 | 06/07/2026 | 558152917 | n/a | n/a | 3402 |
| 7 | Arms | €64.12 | €64.12 | NA | PF | Bill for Open Gym (10.3.26-7.5.26) | 23/06/2026 | 43408396 | n/a | n/a | 2180 |
| 8 | Arms | €470.60 | €470.60 | NA | PF | Bill for LC office (11.4.26-11.5.26) | 11/06/2026 | 43305920 | n/a | n/a | 2180 |
| 9 | Arms | €33.37 | €33.37 | NA | PF | Bill for Masgar it-tfal (10.4.26-11.5.26) | 11/06/2026 | 43305921 | n/a | n/a | 2180 |
| 10 | Arms | €47.83 | €47.83 | NA | PF | Bill for Garage Triq Hal Dghejf (7.3.26-5.5.26) | 18/06/2026 | 43362152 | n/a | n/a | 2180 |
| 11 | Arms | €193.03 | €193.03 | NA | PF | Bill for Mithna tal-Ghaqba (6.3.26-1.5.26) | 18/06/2026 | 43362155 | n/a | n/a | 2180 |
| 12 | Arms | €38.60 | €38.60 | NA | PF | Bill for mal-kappella San Pawl (28.3.26-22.5.26) | 06/07/2026 | 43500131 | n/a | n/a | 2180 |
| 13 | Arms | €339.99 | €339.99 | NA | PF | Bill for Gnien Mornago (17.3.26-16.6.26) | 08/07/2026 | 43531031 | n/a | n/a | 2180 |
| 14 | Arms | €484.75 | €484.75 | NA | PF | Bill for LC office (12.5.26-11.6.26) | 06/07/2026 | 43509780 | n/a | n/a | 2180 |
| 15 | Arms | €30.86 | €30.86 | NA | PF | Bill for Masgar it-tfal (12.5.26-11.6.26) | 06/07/2026 | 43509781 | n/a | n/a | 2180 |
| 16 | Arms | €96.24 | €96.24 | NA | PF | Bill for Gnien EU (03.3.26-2.6.26) | 08/07/2026 | 43531026 | n/a | n/a | 2180 |
| 17 | Arms | €115.42 | €115.42 | NA | PF | Bill for Gnien l-Imhalla (28.2.26-1.6.26) | 08/07/2026 | 43531028 | n/a | n/a | 2180 |
| 18 | Arms | €132.42 | €132.42 | NA | PF | Bill for Gnien il-Hamrija (28.2.26-1.6.26) | 08/07/2026 | 43531029 | n/a | n/a | 2180 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

_______________
Dr Chris Deguara
Sindku

_______________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

_______________
Proponent

_______________
Sekondant

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Arms | €584.38 | €584.38 | NA | PF | Bill for Water Pump (17.3.26-16.6.26) | 08/07/2026 | 43531033 | n/a | n/a | 2180 |
| 20 | Arms | €187.73 | €187.73 | NA | PF | Bill for Public conv (16.3.26-16.6.26) | 08/07/2026 | 43531034 | n/a | n/a | 2180 |
| 21 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | T | PF | Football guardian June 2026 | 30/06/2026 | 351808 | n/a | n/a | 318501 |
| 22 | B. Grima & Sons | €224.20 | €224.20 | K | PF | Signs, brackets and nuts | 01/07/2026 | 10017621 | 188/26 | 188/26 | 238002 |
| 23 | Bitmac | €225.00 | €225.00 | K | PF | Instant road repair | 04/06/2026 | 208228 | 91/26 | 91/26 | 2350 |
| 24 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 17/06/2026 | 200307 | 90/26 | 90/26 | 2350 |
| 25 | Bitmac | €45.00 | €45.00 | K | PF | Instant road repair | 18/06/2026 | 209626 | 78/26 | 78/26 | 2350 |
| 26 | Bitmac | €54.00 | €54.00 | K | PF | Instant road repair | 18/06/2026 | 209625 | 86/26 | 86/26 | 2350 |
| 27 | Bitmac | €36.00 | €36.00 | K | PF | Instant road repair | 22/06/2026 | 209912 | 186/26 | 186/26 | 2350 |
| 28 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 26/06/2026 | 210473 | 136/26 | 136/26 | 2350 |
| 29 | Bitmac | €108.00 | €108.00 | K | PF | Instant road repair | 30/06/2026 | 210646 | 189/26 | 189/26 | 2350 |
| 30 | Grace Camilleri | €252.00 | €252.00 | NA | PF | Librarian services for June 26 | 30/06/2026 | | n/a | n/a | 2995 |
| 31 | Benjamin Cilia | €259.60 | €259.60 | K | PF | 27 kantun for Triq Anton M Caruana BIC | 13/06/2026 | A087 | 160/26 | 160/26 | 2320 |
| 32 | Benjamin Cilia | €60.00 | €60.00 | NA | PF | Shredding service for LC office | 26/06/2026 | 1252 | n/a | n/a | 2670 |
| 33 | Benvic | €4,789.52 | €4,789.52 | T | PF | Handymen service for June 2026 | 14/07/2026 | 9 | n/a | n/a | 3125 |
| 34 | Datatrak | €7.61 | €7.61 | NA | PF | 1 pre-regional ticket for June 26 | 30/06/2026 | 1016385 | n/a | n/a | 3445 |
| 35 | Epic | €15.01 | €15.01 | NA | PF | Bill for 99370990 for June 2026 | 01/07/2026 | 15719588072026 | n/a | n/a | 2160 |
| 36 | Epic | €114.10 | €114.10 | NA | PF | Bill for fixed voice multichanned Jul 26 and usage Jun 26 | 01/07/2026 | 15719589072026 | n/a | n/a | 2160 |
| 37 | Epic | €26.43 | €26.43 | NA | PF | Bill for 99939056 & 79404014 June 26 | 01/07/2026 | 15719587072026 | n/a | n/a | 2160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

______________
Dr Chris Deguara
Sindku

______________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

______________
Proponent

______________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Equipment Leasing Ltd | €125.01 | €125.01 | K | PF | Surface Grinder - Triq tal-Labour | 16/07/2026 | 38193 | 193/26 | 193/26 | 2320 |
| 39 | Galea Cleaning Solutions | €14,423.74 | €14,423.74 | T | PF | Street sweeping for Jun 26 | 30/06/2026 | 371 | n/a | n/a | 3051 |
| 40 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for June 26 - extra - | 30/06/2026 | 370 | n/a | n/a | 3051 |
| 41 | Geomatix Surveying | €758.15 | €758.15 | D | PF | Survey of kerb including levels at Triq Jules Verne | 01/07/2026 | 7463 | n/a | n/a | 3113 |
| 42 | Grant Thornton | €35.00 | €35.00 | NA | PF | BNF Bank confirmation | 24/06/2026 | 129356 | n/a | n/a | 3161 |
| 43 | Greenpak | €147.50 | €147.50 | NA | PF | Monthly internet connection fee for 5 different locations- June 26 | 30/06/2026 | 43200 | n/a | n/a | 2160 |
| 44 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Vjal 21 ta' Settembru | 23/06/2026 | g. 54547 | n/a | n/a | 4073 |
| 45 | Hector's | €109.32 | €109.32 | K | PF | Ironmongery items as needed | 16/06/2026 | 465 | 93/26, 107/26, 109/26 | | 2210 |
| 46 | Hector's | €142.25 | €142.25 | K | PF | Ironmongery items as needed | 16/06/2026 | 466 | 123/26,135/26,141/26 | | 2210 |
| 47 | Hector's | €129.97 | €129.97 | K | PF | Ironmongery items as needed | 16/06/2026 | 467 | 148/26,152/26,153/26 | | 2210 |
| 48 | Hector's | €16.75 | €16.75 | K | PF | Ironmongery items as needed | 16/06/2026 | 468 | 170/26 | 183/26 | 2210 |
| 49 | Image Systems | €117.19 | €117.19 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox May 26 | 31/05/2026 | 682205 | n/a | n/a | 2670 |
| 50 | Image Systems | €148.10 | €148.10 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox June 26 | 30/06/2026 | 683118 | n/a | n/a | 2670 |
| 51 | Inland Revenue Dept | €6,130.90 | €6,130.90 | NA | PF | FSS & NI June 2026 | 06/07/2026 | | n/a | n/a | 1500 |
| 52 | Island Services Ltd | €1,003.51 | €1,003.51 | K | PF | 19ltr water botles | 30/06/2026 | Feb-86 | 191/26 | 191/26 | 2210 |
| 53 | JC Trading | €69.92 | €69.92 | K | PF | LED E27 Bulbs (x15) for globes situated in Labour Avenue & 21st September Avenue. | 17/06/2026 | 24054 | 76/26 | 76/26 | 2390 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Kolleggjata Marija Bambina | €400.00 | €400.00 | D | PF | Xiri ta' 10 kotba 'Il-Kolleggjata ta' Marija Bambina tan-Naxxar fi zmien il-festa' | 12/07/2026 | NVC-2026-001 | n/a | n/a | 2960 |
| 55 | Lands Authority | €500.00 | €500.00 | NA | PF | Rent Torri tal-Kaptan - 7/5/26 to 6/5/27 | 17/06/2026 | 216646 | n/a | n/a | 2410 |
| 56 | Lesa | €6.99 | €6.99 | NA | PF | 10% admin fee for April 2026 | 23/06/2026 | 22-020047 | n/a | n/a | 3445 |
| 57 | Lesa | €9.32 | €9.32 | NA | PF | 10% admin fee for May 2026 | 17/06/2026 | 22-019987 | n/a | n/a | 3445 |
| 58 | Logo Signs | €250.00 | €250.00 | K | PF | Loghob Tradizzjonali for event on 12/4/26 | 12/04/2026 | | 117/26 | 117/26 | 3381 |
| 59 | Longbow | €156.40 | €156.40 | K | PF | 2 Boxes of Tork-Matic Hand Towel Roll Soft Hand - White - H1 2 Ply (6x150m) | 16/06/2026 | 47102 | 180/26 | 180/26 | 2220 |
| 60 | Charlie Mangion | €950.00 | €950.00 | K | PF | Ghana on 12/4/2026 | 12/04/2026 | | 089/26 | 089/26 | 3381 |
| 61 | Melita Ltd | €211.10 | €211.10 | D | PF | Internet service for different locations July 26 | 01/07/2026 | 120980163 | n/a | n/a | 2160 |
| 62 | Micamed | €54.87 | €54.87 | T | PF | W162 Triq Markiz Depiro | 30/06/2026 | 14910 | n/a | n/a | 2317 |
| 63 | Micamed | €86.73 | €86.73 | T | PF | W211 Triq Zenqa | 30/06/2026 | 14923 | n/a | n/a | 2317 |
| 64 | Micamed | €889.72 | €889.72 | T | PF | New installation in Triq il-Parrocca | 30/06/2026 | 14953 | n/a | n/a | 2317 |
| 65 | Victor Mula | €134.52 | €134.52 | K | PF | 3 injamiet biex jissewwa bank imkisser | 05/07/2026 | 532 | 162/26 | 162/26 | 2390 |
| 66 | Pama | €88.86 | €88.86 | K | PF | Cleaning and office supplies | 21/07/2026 | 2326072113 | 207/26 | 207/26 | 2210 |
| 67 | Paramount | €200.60 | €200.60 | K | PF | Transport services for May 2026 | 26/06/2026 | 10016291 | 132/26 | 132/26 | 2720 |
| 68 | Paramount | €241.90 | €241.90 | K | PF | Transport services for June 2026 | 17/07/2026 | 10016329 | n/a | n/a | 2720 |
| 69 | Paramount | €193.52 | €193.52 | K | PF | Transport services for May 2026 | 17/07/2026 | 10016330 | n/a | n/a | 2720 |
| 70 | Romina Perici Ferrante | €82.60 | €82.60 | NA | PF | Data template sheet requested by DLG | 17/06/2026 | 26/052. | n/a | n/a | 3113 |
| 71 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting Services for Jun 26 | 30/06/2026 | 26/055 | 005/26 | 005/26 | 3160 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Dr Chris Deguara
Sindku

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

Proponent

Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Power yoga world | €350.00 | €350.00 | K | PF | Yoga classes from May till July 2026 | 02/07/2026 | NLC 005 | 195/26 | 195/26 | 3360 |
| 73 | Refund | €37.00 | €37.00 | NA | PF | Reversal of a payment that came by mistake | 26/06/2026 | BOV | n/a | n/a | 2463 |
| 74 | Refund | €215.00 | €215.00 | NA | PF | Claims for damages | 30/06/2026 | nr. 005/26 | n/a | n/a | 2467 |
| 75 | Refund | €118.23 | €118.23 | NA | PF | Carnival and PC adverts Meta | 22/07/2026 | receipts | n/a | n/a | 2940 |
| 76 | S&R Coatings | €93.34 | €93.34 | K | PF | Black road paint | 18/06/2026 | 1074 | 181/26 | 181/26 | 2350 |
| 77 | Rueben Seychell | €80.00 | €80.00 | K | PF | Photography services for Carnval 2026 | 17/06/2026 | NLC 01/2026 | 061/26 | 061/26 | 3381 |
| 78 | Simply Clean | €846.06 | €846.06 | K | PF | Rent of 2 public toilets June 2026 | 06/04/2026 | 1281 | 079/26 | 079/26 | 3053 |
| 79 | Simply Clean | €1,099.24 | €1,099.24 | T | PF | Office cleaning June 2026 | 06/07/2026 | 1280 | n/a | n/a | 3050 |
| 80 | Simply Clean | €106.01 | €106.01 | T | PF | Mithna cleaning service June 2026 | 02/07/2026 | 1271 | n/a | n/a | 3064 |
| 81 | Simply Clean | €3,374.21 | €3,374.21 | T | PF | Bulky refuse service for June 2026 | 02/07/2026 | 1268 | n/a | n/a | 3042 |
| 82 | Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for June 2026 | 30/06/2026 | 270 | n/a | n/a | 3060 |
| 83 | Talexio | €2.31 | €2.31 | NA | PF | Additional employee June 26 | 30/06/2026 | 19691 | n/a | n/a | 3111 |
| 84 | TCTC | €2,945.00 | €2,945.00 | A | PF | AI Summer Course 2026 | 20/07/2026 | 49774 | n/a | n/a | 3210 |
| 85 | The Sign Factory | €973.50 | €973.50 | K | PF | Totem signs for year 2026 | 08/07/2026 | 7480 | 70/26 | 70/26 | 2940 |
| 86 | TSS | €424.80 | €424.80 | K | PF | platform and podium for Gieh in-Naxxar | 16/06/2026 | 012-26 | 046/26 | 046/26 | 3381 |
| 87 | Urban Malta | €448.40 | €448.40 | K | PF | 4 traffic mirrors | 20/07/2026 | 2748 | 194/26 | 203/26 | 238002 |
| 88 | C&S Vella | €354.00 | €354.00 | D | PF | Washing of Naxxar square on 17/7/26 | 17/07/2026 | 3996 | n/a | n/a | 3064 |
| | | **€60,351.99** | **€60,351.99** | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

_________________
Dr Chris Deguara
Sindku

_________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

_________________
Proponent

_________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-12 ta' Gunju 2026 sat-22 ta' Lulju 2026**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

____________________
Dr Chris Deguara
Sindku

____________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

____________________
Proponent

____________________
Sekondant

Kunsill Lokali In-Naxxar

**Income List for the month of June 2026**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| | others (please specify) | |
| 0001 | Annual allocation from Government | |
| 0002 | Supplementary government income : Tourism Zones | |
| 0005 | Funds from Regional Council | |
| 0007 | Other Government Income | €4,289.66 |
| 0034 | Crane Permit | €8,681.16 |
| 0035 | Deposit of Material, scaffolding etc | €125.82 |
| 0036 | Outside Activity permit | €200.38 |
| 0045 | Permits for placing tables and chairs | €4.64 |
| 0046 | Kiosk Permit | |
| 0047 | Guarantees related to permits | €1,150.00 |
| 0048 | Trenching permits | €84.27 |
| 0049 | Caravan permits | €1,461.50 |
| 0064 | Contraventions | €93.16 |
| 0073 | Skip Permit | €93.73 |
| 0075 | Commercial/directional signs | |
| 0075 | Advertising | |
| 0077 | Parking clocks, documents etc | |
| 0102 | Paying for street mirrors etc | |
| 0103 | Refunds to Council by individuals (such as for Gita, staff dinner etc) | |
| 0121 | Donations | €97.58 |
| 0127 | Claims for damages | |
| 0072-01 | Football ground hire | |
| 0072-02 | Hire of Council Hall | |
| 0072-03 | Use of Tal-Għaqba Windmill | |
| 0076-01 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | |
| 0076-02 | Cultural Activities | |
| | **TOTAL** | **€16,281.90** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 66239 |
| | To | 67101 |

**List prepared by Charmaine Calleja** 01 July 2026

C

Kunsill Lokali In-Naxxar

**Purchase Order list for the month of June 2026** **01/07/2026**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/06/2026 | 172/26 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina Banda Vittorja | Calendar 27 and feast book 26 | 500.00 |
| 05/06/2026 | 176/26 | Pama Supermarket | Cleaning and office supplies | 89.66 |
| 05/06/2026 | 177/26 | Bitmac Works Ltd | Blackflex 5Lts for Triq il-Missjunarji | 12.00 |
| 08/06/2026 | 178/26 | JM Skips | Hire of mini skip - Triq iz-Zenqa | 94.40 |
| 09/06/2026 | 179/26 | B. Grima & Sons Ltd. | signs | 127.44 |
| 11/06/2026 | 180/26 | Longbow Ltd | 2 Boxes of Tork-Matic Hand Towel Roll Soft Hand - White - H1 2 Ply (6x150m) | 156.40 |
| 15/06/2026 | 181/26 | S&R Coatings | black paint | 93.34 |
| 16/06/2026 | 182/26 | Bitmac Works Ltd | instant road repairs | 108.00 |
| 17/06/2026 | 183/26 | Hector's Ironmongery | Xahx for wall in Triq Anton Manuel Caruana | 8.50 |
| 17/06/2026 | 184/26 | Hector's Ironmongery | Hammerite Black 750ml, Paint Brush 50mm, White Spirit and Wire Brush for works on the three benches installed in Triq Guze Muscat. | 36.75 |
| 17/06/2026 | 185/26 | Anton Zarb | 2 sets for benches' repair | 413.00 |
| 19/06/2026 | 186/26 | Bitmac Works Ltd | Instant Road Repair Bags (x4) | 36.00 |
| 19/06/2026 | 187/26 | Central Asphalt Ltd. | Surveying part of Triq Jules Verne | |
| 22/06/2026 | 188/26 | B. Grima & Sons Ltd. | signs | 179.36 |
| 30/06/2026 | 189/26 | Bitmac Works Ltd | Instant Road Repair Bags (x12) | 108.00 |
| 30/06/2026 | 190/26 | Ivan Pulis | Health & Safety officer for Torri tal-Kaptan works | 767.00 |
| 30/06/2026 | 191/26 | Island Services Ltd | 200 x19Ltr +70 free bottles - drinking water | 1,003.50 |

D

# Naxxar Local Council

**Petty Cash - June 2026**

| **For 04/06/2026 through 24/06/2026** | | | **Balance** | **€200.00** | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 04/06/2026 | Naxxar pharmacy | 1 Paracetamol | | €3.95 | 033/26 |
| 10/06/2026 | Little Greens | 6 pkts milk | | €8.70 | 034/26 |
| 10/06/2026 | Hector's | Flushing item | | €2.00 | 035/26 |
| 17/06/2026 | Hector's | Bolts for 2 benches | | €3.18 | 036/26 |
| 18/06/2026 | Floriana car park | Parking for staff for court x2 | | €7.00 | 037/26 |
| 19/06/2026 | Zaky's | 4 Pendrives | | €48.00 | 038/26 |
| 24/06/2026 | Techhub | Universal a/c remote and batteries | | €10.79 | 039/26 |
| | | | | | |
| | | Return to float | 83.62 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€283.62** | **€83.62** | |

Charmaine Calleja

01/07/2026

E

Kunsill Lokali in-Naxxar

# MINUTI
## Laqgħa Kumitat tal-Finanzi

**Data:** 16 ta' Lulju 2026
**Ħin:** 11:00am -12:00pm
**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar
**Preżenti:** Is-Sindku, il-Kunsillier Maryanne Cuomo, Is-Segretarju Eżekuttiv u Yanika Borg (Uffiċċjal tal-Kunsill).

---

1. **Is-Sejħa għall-Offerti għas-Servizz ta' Knis tat-Toroq Urbani**
   1.1. Is-SE ppreżenta memo (annessa f'A).
   1.2. Il-Kumitat qabel li:
      1.2.1. is-servizz tat-tindif tal-culverts jitneħħa minn dan il-kuntratt u jinħareġ f'kuntratt separat;
      1.2.2. il-kuntrattur ikun obbligat jkollu minimu ta' żewġ vetturi, waħda tkun bħala backup, Euro 6 jew aħjar;
      1.2.3. il-kuntrattur ikollu wkoll RCV (refuse collection vehicle) żgħir b'separator għall-użu matul il-festa u għat-tbattil tal-bins;
      1.2.4. jingħataw punti addizzjonali lill-offerenti li jużaw vetturi elettriċi;
      1.2.5. tiddaħħal klawżola fit-tender sabiex il-kuntrattur jikkwota separatament il-prezz għal kenniesa addizzjonali, f'każ li tinħass il-ħtieġa għalih.
   1.3. Il-Kumitat approva li x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti jitkompla fuq din il-bażi.

2. **Abbonament għal ChatGPT Business**
   2.1. Il-Kumitat ikkunsidra l-memo relatata (annessa f'B).
   2.2. Ġie approvat ix-xiri ta' ChatGPT Business inizjalment għal tliet (3) utenti.
   2.3. Il-Kumitat innota l-ħtieġa li l-Kunsill ikompli jaġġorna ruħu b'għodod diġitali moderni sabiex jissaħħaħ is-servizz amministrattiv.

3. **Servizz ta' Customer Support Service u Abbonament għal Zendesk Suite Team**
   3.1. Is-SE ppreżenta memo (annessa f'C).
   3.2. Il-Kumitat innota li s-sistema ilha tintuża b'suċċess mis-sena 2019.
   3.3. Il-Kumitat approva:
      3.3.1. il-pakkett ta' **Customer Support** ta' 30 siegħa; u

3.3.2. l-abbonament għaż-**Zendesk Suite**.

3.4. Ġie maqbul li dawn jidħlu fis-seħħ mis-sena d-dieħla jew qabel, jekk il-baġit jippermetti.

4. **Fanali Ġodda għall-Kappella ta' Santa Marija fil-Magħtab**

4.1. Ġiet imressqa talba għal żewġ fanali ġodda fuq iż-żuniter tal- Kappella ta' Santa Marija fil-Magħtab. Dan minħabba li dawk li hemm bħalissa huma fi stat ħażin ħafna.

4.2. Il-Kumitat approva x-xiri ta' fanali ġodda.

4.3. Il-Kumitat innota li dawn ser ikomplu jsebbħu l-ambjent madwar il-kappella wara l-investiment li sar madwarha.

5. **Lejla Maltija tal-25 ta' Lulju 2026**

5.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-baġit allokat għal din l-attività nqabeż. Huwa rrimarka li, filwaqt li hija fid-diskrezzjoni tal-Kunsill kemm u meta jorganizza attivitajiet, huwa importanti li jimxi mal-baġit approvat mill-istess Kunsill. Għalhekk importanti li tkun magħmula ċara li ma jistax ikollna sitwazzjonijiet ta' infiq b'eċċess minn dak ivvutat fil-baġit. Jekk il-Kunsill jixtieq iżid in-nefqa fuq l-attivitajiet, liberu li jagħmel dan iżda imbagħad għandu jiddeċiedi minn liema setturi għandu jnaqqas.

5.2. Is-SE informa lill-Kumitat li, fuq inizjattiva tal-amministrazzjoni, inkisbet għajnuna finanzjarja ta' €3,000 mill-Malta Tourism Authority (MTA) għal din l-attività u b'hekk ittaffa l-effett tal-infiq fuq il-baġit.

6. **Proġett tal-EU EUGYSET – Settembru 2026**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat dwar il-proġett Ewropew EUGYSET taħt il-programm CERV li ġie approvat.

6.2. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar se jkun qed jospita l-ewwel laqgħa internazzjonali bejn it-23 u s-26 ta' Settembru 2026.

6.3. L-amministrazzjoni se tkun qed tikkordina l-loġistika marbuta ma' din il-laqgħa.

7. **Is-Sejħa għall-Offerti għas-Servizzi tal-Kura tal-Ġonna (3 Lots)**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li beda x-xogħol preparatorju fuq is-sejħa għall-offerti li ser tkun maqsuma fi tliet lots.

7.2. Il-Kumitat approva li jitkompla x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti.

8. **Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart tas-Sena**

8.1. Il-Kumitat ikkunsidra r-Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart tas-Sena.

8.2. Wara li tqies bħala moqri, il-Kumitat approva r-rapport.

**9. Xiri ta'Kotba**

9.1. Wara talba li kellu l-Kunsill kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri għaxar kotba bl-isem **Il-Kolleggjata ta' Marija Bambina tan-Naxxar fi zmien il-festa** għall-prezz totali ta' €400. Dawn ikunu jistgħu jingħataw bħala rigali.

**10. Tmiem il-Laqgħa**

10.1. Il-laqgħa ntemmet f'12.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

A

Kunsill Lokali in-Naxxar

## Memorandum lill-Kumitat tal-Finanzi

**Suġġett:** Emendi Proposti għall-Abbozz tas-Sejħa għall-Offerti – Servizzi ta' Knis tat-Toroq fil-Lokalità tan-Naxxar

**Għan**

Dan il-memorandum jippreżenta erba' emendi proposti għall-abbozz tas-sejħa għall-offerti dwar is-Servizzi ta' Knis tat-Toroq, sabiex jiġu kkunsidrati u approvati mill-Kumitat tal-Finanzi qabel il-pubblikazzjoni. Kull emenda hija ppreżentata f'taqsima separata, flimkien mar-raġunijiet li jiġġustifikawha, sabiex kull punt ikun jista' jiġi kkunsidrat, approvat jew diskuss b'mod indipendenti.

### 1. Tneħħija tat-Tindif tal-culverts mill-kuntratt

Il-kuntratt preżenti jinkludi t-tindif tal-culverts darbtejn fis-sena (qabel u matul l-istaġun tax-xita) bħala parti mill-kuntratt tal-knis tat-toroq. Huwa dubjuż ħafna kemm dan ix-xogħol, fir-realtà, għandu x'jaqsam mat-tindif tat-toroq għaliex huwa xogħol pjuttost speċjalizzat, teħtieġ tagħmir differenti u jista' jkun ukoll li f'kuntratt separat nistgħu nidħlu f'ħafna aktar dettalji skont il-ħtieġa. Minħabba li huwa parti relattivament żgħira ħafna mill-kuntratt kollu, ikun faċli ħafna li l-bidders għat-tindif tat-toroq, jieħduh b'mod leġġer u ma jikkunsidrawx x'verament huwa meħtieġ.

Huwa rakkomandat għalhekk li dan is-servizz jitneħħa mis-sejħa għall-offerti għar-raġunijiet li ġejjin:

- It-tindif tal-culverts huwa servizz distint mill-knis tat-toroq u jeħtieġ tagħmir, ħiliet u frekwenza differenti minn dak tal-knis. Il-culverts jitnaddfu darbtejn fis-sena filwaqt li l-knis tat-toroq isir fi frekwenzi minn kuljum sa l-inqas darba fil-ġimgħa.
- Minħabba li huwa parti integrali fil-kuntratt jagħmilha aktar diffiċli li l-Kunsill jikkontrolla li t-tindif ikun sar u wkoll li sar tajjeb.
- Minħabba li huwa komponent żgħir f'kuntratt ferm akbar tal-knis tat-toroq, tagħmilha diffiċli li l-offerti jiġu evalwati b'mod ġust, filwaqt li toħloq il-possibbiltà li offerent joffri prezz baxx wisq għal dan is-servizz mingħajr konsegwenzi, peress li jirrappreżenta parti żgħira mill-ispiża totali.

- Is-separazzjoni ta' dan is-servizz tippermetti lill-Kunsill jikseb kwotazzjonijiet dedikati u bi spejjeż realistiċi għat-tindif tal-culverts permezz ta' sejħa separata għall-kwotazzjonijiet. Meta jsir dan ikun hemm aktar kontroll ta' dak li qiegħed isir.

**Rakkomandazzjoni:** Li l-Kumitat tal-Finanzi japprova t-tneħħija tat-tindif tal-culverts mis-Sejħa għall-Offerti, u li dan is-servizz jiġi akkwistat permezz ta' sejħa separata għall-kwotazzjonijiet.

**2. Minimu ta' Żewġ Vetturi tas-Servizz (Euro 6 jew Ogħla)**

Il-kuntratt attwali jispeċifika biss vettura waħda tas-servizz. Dan joħloq riskju operattiv: jekk l-unika vettura li jkollu l-kuntrattur, għal kwalunkwe raġuni, ma tkunx qed tiffunzjona, m'hemm l-ebda obbligu kuntrattwali fuq il-Kuntrattur li jkollu vettura addizzjonali disponibbli. Fil-kuntratt preżenti ma kellniex din il-problema għaliex il-kuntrattur preżenti huwa attrezzat ħafna. Dan però ma jagħtix is-serħan il-moħħ li se jkun il-każ dejjem.

Għaldaqstant, huwa propost li l-Kuntrattur ikun obbligat li jkollu disponibbli mill-inqas żewġ vetturi tas-servizz matul il-perjodu kollu tal-kuntratt: vettura prinċipali għall-operat ta' kuljum u vettura ta' riserva li tkun proprjetà tiegħu, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz. Iż-żewġ vetturi għandhom jissodisfaw tal-inqas l-istandard Euro 6 (jew ekwivalenti permezz ta' sistema dokumentata ta' kontroll tal-emissjonijiet), filwaqt li vetturi elettriċi jkunu preferuti, f'konformità mal-objettivi ambjentali stabbiliti f'din is-sejħa.

**Rakkomandazzjoni:** Li l-Kumitat tal-Finanzi japprova l-introduzzjoni ta' rekwiżit obbligatorju ta' żewġ vetturi tas-servizz (waħda prinċipali u waħda ta' riserva), it-tnejn konformi tal-inqas mal-istandard Euro 6.

**3. Vettura Twin Pack Refuse Collection Vehicle (RCV) għall-Ġbir tal-Iskart mill-Bins u għat-Tindif Matul il-Festa, b'Piż Massimu ta' 6 Tunnellati GVW**

Skont it-Termini ta' Referenza, il-Kuntrattur huwa obbligat ibattal u jnaddaf il-litter bins pubbliċi kif ukoll jipprovdi servizz tajjeb ta' tindif matul il-perjodu tal-festa tar-raħal. Għaldaqstant, huwa propost li l-Kuntrattur ikun obbligat jipprovdi vettura Twin Pack Refuse Collection Vehicle (RCV), mgħammra b'kompartimenti separati għall-iskart, biex taqdi sewwa dawn iż-żewġ funzjonijiet. Din apparti ż-żewġ vetturi tas-servizz imsemmija fit-Taqsima 2.

Peress li t-tindif matul il-festa jsir f'toroq dojoq mimlijin tiżjin u strutturi temporanji, huwa propost li l-Piż Gross tal-Vettura (GVW) ma jaqbiżx is-6 tunnellati sabiex tkun tista'

taċċessa dawn it-toroq b'mod sigur u prattiku mingħajr riskju għat-tiżjin, pavaljuni eċċ. Il-konformità tkun ivverifikata permezz tal-logbook tal-vettura, ippreżentat mal-offerta.

Fil-każ tat-tbattil tal-litter bins, din il-vettura tgħin kemm fit-tbattil tal-litter bins eżistenti, minħabba li turi sistema aktar professjonali, iżda aktar meta eventwalment ikun hemm il-possibiltà li jkunu introdotti litter bins għal skart separat.

Din il-vettura tkun evalwata taħt il-kriterji tekniċi tal-BPQR bl-istess mod bħall-vettura tas-servizz eżistenti, sabiex jiġi żgurat li l-offerenti ma jkunux jistgħu jiddikjaraw konformità mingħajr ma juru li għandhom aċċess reali għal tagħmir adattat.

**Rakkomandazzjoni:** Li l-Kumitat tal-Finanzi japprova r-rekwiżit għal Twin Pack RCV dedikat li ma jaqbiżx is-6 tunnellati GVW bħala speċifikazzjoni obbligatorja ta' din is-sejħa għall-offerti, flimkien maż-żewġ vetturi tas-servizz deskritti fit-Taqsima 2.

### 4. Żieda fil-Punteġġ għal Vetturi Elettriċi

L-abbozz tas-sejħa għall-offerti bħalissa jalloka punti taħt il-kriterju Best Price/Quality Ratio (BPQR) skont l-istandard tal-emissjonijiet Euro tal-vettura, fejn jingħataw 6 punti għal vettura Euro 6 u 8 punti għal vettura kompletament elettrika. Madankollu, dan japplika biss għall-vettura prinċipali meħtieġa skont l-abbozz attwali.

Bl-introduzzjoni tar-rekwiżit minimu ta' żewġ vetturi (ara t-Taqsima 3), huwa propost li din l-istruttura tal-punteġġ tiġi estiża. Il-vettura prinċipali tibqa' tingħata 6 jew 8 punti (Euro 6 jew elettrika), filwaqt li jiġu introdotti 2 punti addizzjonali jekk il-vettura ta' riserva tkun ukoll Euro 6 jew aktar, jew elettrika. Dan jinkoraġġixxi investiment ġenwin fi flotta aktar nadifa mingħajr ma jingħata piż sproporzjonat lill-kriterji relatati mal-vetturi meta mqabbla mal-kriterji l-oħra ta' kwalità tas-servizz.

**Rakkomandazzjoni:** Li l-Kumitat tal-Finanzi japprova l-estensjoni tal-punteġġ relatat ma' vetturi Euro 6 jew elettriċi sabiex jinkludi wkoll il-vettura ta' riserva, peress li dan jikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali tal-Kunsill mingħajr ma jbiddel b'mod sostanzjali l-piż ġenerali tal-evalwazzjoni.

### 5. GPS tracking tal-Ħaddiema tal-Knis tat-Toroq

Matul it-tħejjija ta' din is-sejħa għall-offerti, ġiet ikkunsidrata l-possibbiltà li l-Kuntrattur ikun obbligat li kull kennies iżomm fuqu apparat biex ikun *tracked* sabiex jiġi vverifikat li r-rotot kuntrattwali jkunu twettqu. Għal dan il-għan, il-ħsieb kien li l-Kunsill jipprovdi l-apparat hu lill-Kuntrattur biex il-kuntrattur ma jkollux għalfejn iżid spejjeż u l-Kunsill ikollu kontroll akbar.

Waqt parti mill-ħidma tagħna fuq is-sejħiet għall-offerti, fost in-numru ta' dokumenti, iltqajna ma' klawsoli li jirrigwardjaw il-protezzjoni tad-data (GDPR) u kien propju dan li ġagħlni nikkonsulta dwar jekk din il-miżura tmurx kontra r-regoli. Għal dan il-għan ikkonsultajna kemm lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) kif ukoll lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) tal-Kunsill sabiex jagħtu l-parir tagħhom dwar l-implikazzjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data.

Fil-qosor, il-pariri kienu dawn:

- It-traċċar tal-lokalità tal-ħaddiema — anke jekk il-Kunsill ma jkollux isimhom — jikkostitwixxi pproċessar ta' data personali taħt il-GDPR, peress li d-data tista' xorta tkun marbuta ma' individwu identifikabbli mill-Kuntrattur jew permezz ta' informazzjoni oħra li hija mistennija li tkun disponibbli.
- Meta jimponi dan ir-rekwiżit fis-sejħa għall-offerti, il-Kunsill ikun qed jassumi r-rwol u r-responsabbiltajiet ta' kontrollur tad-data, b'obbligi legali sinifikanti, fosthom l-identifikazzjoni ta' bażi legali għall-ipproċessar, it-twettiq ta' Data Protection Impact Assessment (DPIA), il-prinċipji ta' tnaqqis u l-limitazzjoni taż-żamma tad-data, li jaċċerta t-trasparenza lejn il-ħaddiema kkonċernati, u l-fatt li jkun meħtieġ li dan ikun stabbilit b'mod kuntrattwali u ċari mal-Kuntrattur li jidentifika l-irwoli rispettivi tagħhom fil-protezzjoni tad-data.
- Id-DPO osserva wkoll li anke jekk jiġi traċċat it-tagħmir minflok il-persuni (pereżempju billi l-apparat jitwaħħal mal-karretti jew mal-makkinarju), dan mhux neċessarjament isolvi l-problema, għaliex jekk it-tagħmir ikun normalment assenjat lil ħaddiem partikolari, id-data tal-lokalità xorta tkun relatata ma' individwu identifikabbli u l-obbligi tal-GDPR jibqgħu japplikaw.

Meta jitqiesu l-kumplessità ta' dawn l-obbligi, ir-riskji legali marbuta mal-assunzjoni tar-responsabbiltajiet ta' kontrollur tad-data fir-rigward tal-impjegati ta' parti terza, u l-fatt li jeżistu mezzi inqas intrużivi sabiex jiġi mmonitorjat it-twettiq tal-kuntratt (bħal spezzjonijiet u rapporti ta' tlestija pprovduti mill-Kuntrattur), huwa rakkomandat li r-rekwiżit tat-tracking jitneħħa kompletament minn din is-sejħa għall-offerti.

**Rakkomandazzjoni:** Li l-Kumitat tal-Finanzi japprova d-deċiżjoni li ma jiġi inkluż ebda rekwiżit ta' tracking abbażi tal-pariri dwar il-protezzjoni tad-data mogħtija kemm mill-IDPC kif ukoll mid-DPO tal-Kunsill.

**6. Żieda fil-ħtieġa ta' indafa**

Għalkemm din il-parti mhux qed tiġi ppreżentata bħala rakkomandazzjoni, għandha l-għan biss li tiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-Kumitat tal-Finanzi dwar kemm żdied il-ħtieġa ta' tindif matul is-snin li ilu jingħata dan is-servizz mill-kuntrattur preżenti.

Qiegħed isir ukoll fid-dawl ta' ilment li propju wasal din il-ġimgħa stess dwar problemi minn trabijiet kontinwi mis-sit tal-kostruzzjoni tal-iskola primarja.

Dan wassallni għall-ħsieb ta' kemm hawn żdied il-kostruzzjoni madwar in-Naxxar u kemm dan, b'mod naturali, qed iwassal għal aktar ħmieġ.  Dan naturalment apparti l-ammont ta' bini li telgħa, tlesta u imtela' mill-pubbliku, iż-żieda kbira fin-numru ta' residenti u ż-żieda ta' negozji li awtomatikament jattiraw aktar nies u awtomatikament aktar ħmieġ.

**Qiegħed ikun imressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi.**

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv 14 ta' Lulju 2026

B

Kunsill Lokali in-Naxxar

# Memorandum lill-Kumitat tal-Finanzi

**Lil:** Kumitat tal-Finanzi
**Minn:** Segretarju Eżekuttiv
**Data:** 14 ta' Lulju 2026
**Suġġett:** Abbonament ChatGPT Business għall-użu fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill Lokali

**Għan**

Qed jiġi propost li l-Kunsill Lokali jakkwista abbonament **ChatGPT Business** inizjalment għal żewġ utenti (*users*) awtorizzati, jiġifieri:

- Is-Segretarju Eżekuttiv;
- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

L-għan huwa li din l-għodda tintuża bħala assistenza fil-ħidma ta' kuljum sabiex tgħin lill-uffiċjali jaħdmu b'mod aktar effiċjenti, inaqqsu l-ħin meħtieġ fuq xogħol ripetittiv, iwettqu analiżi aktar dettaljata u jtejbu l-kwalità tad-dokumenti u komunikazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill.

**Għaliex ChatGPT Business?**

Filwaqt li jeżistu verżjonijiet personali ta' għodod simili, dawn mhumiex l-aktar adattati għall-użu uffiċjali minn organizzazzjoni bħal Kunsill Lokali.

Il-verżjoni ChatGPT Business tippermetti li l-Kunsill ikollu ambjent tax-xogħol proprju, b'aċċess limitat għall-utenti magħżula, b'immaniġġjar aħjar tal-użu u b'possibbiltà li jiġu żviluppati għodod u mudelli li jkunu ta' għajnuna fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill.

Dan huwa importanti sabiex l-użu ta' din it-teknoloġija jsir b'mod organizzat, responsabbli u marbut direttament max-xogħol uffiċjali tal-Kunsill.

Fil-preżent, diversi uffiċjali diġà jagħmlu użu minn verżjonijiet bażiċi u personali ta' ChatGPT jew għodod oħra ta' Intelliġenza Artifiċjali. Filwaqt li dawn jistgħu jkunu ta' għajnuna għal xogħol ta' kuljum, jibqgħu għodod personali u ma jipprovdux l-istess livell

ta’ organizzazzjoni, kontroll u użu kollaborattiv li huwa meħtieġ f’ambjent ta’ xogħol bħal Kunsill Lokali.

Il-proposta preżenti tmur pass ieħor billi tintroduċi użu aktar strutturat u professjonali ta’ din it-teknoloġija fil-ħidma tal-Kunsill.

**Użu prattiku fil-ħidma tal-Kunsill**

L-għodda tista’ tintuża f’diversi oqsma, fosthom:

*Analiżi ta’ kwotazzjonijiet u xiri*

- Għajnuna fit-tqabbil ta’ kwotazzjonijiet differenti;
- Preparazzjoni ta’ sommarji ta’ offerti u dokumentazzjoni relatata;
- Identifikazzjoni ta’ differenzi bejn offerti, speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet;
- Għajnuna fil-preparazzjoni ta’ dokumentazzjoni relatata ma’ xiri u sejħiet għall-kwotazzjonijiet.

*Rapporti u dokumenti amministrattivi*

- Għajnuna fil-kitba u titjib ta’ rapporti, memoranda u dokumenti uffiċjali;
- Organizzazzjoni ta’ informazzjoni minn dokumenti twal;
- Titjib fil-mod kif jiġu ppreżentati rapporti u informazzjoni lill-Kunsill.

*Planning Applications u rappreżentazzjonijiet*

- Għajnuna fl-analiżi ta’ dokumenti relatati ma’ applikazzjonijiet;
- Ġbir tal-punti ewlenin minn dokumentazzjoni teknika;
- Preparazzjoni ta’ abbozzi ta’ rappreżentazzjonijiet u osservazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

*Sistemi u xogħol amministrattiv*

- Għajnuna fil-ħolqien u titjib ta’ formoli Excel;
- Għajnuna fl-organizzazzjoni ta’ informazzjoni u sistemi sempliċi li jiffaċilitaw ix-xogħol ta’ kuljum.

*Komunikazzjoni u midja soċjali*

- Preparazzjoni ta’ posts fuq Facebook u pjattaformi oħra;
- Kitba ta’ avviżi u komunikazzjonijiet lill-pubbliku;

- Għajnuna fil-preparazzjoni ta' diskorsi, messaġġi u preżentazzjonijiet għal attivitajiet tal-Kunsill.

*Kunċetti u materjal viżiv*

- Żvilupp ta' ideat għal posters, kampanji u materjal promozzjonali;
- Għajnuna fil-ħolqien ta' kunċetti viżivi għal inizjattivi tal-Kunsill.

**Benefiċċji għall-Kunsill**

L-użu ta' din l-għodda jista' jgħin lill-Kunsill:

- jiffranka ħin fuq xogħol amministrattiv;
- itejjeb il-kwalità u l-konsistenza tad-dokumenti;
- jipprepara komunikazzjonijiet aktar ċari u effettivi;
- jgħin lill-uffiċjali jagħmlu użu aħjar mill-ħin tagħhom;
- jiffaċilita analiżi aktar mgħaġġla ta' informazzjoni u dokumentazzjoni;
- Jiżgura livell ogħla ta' governanza u serjetà fil-ħidma tal-Kunsill.

L-għodda ma tieħux post il-ġudizzju jew ir-responsabbiltà tal-uffiċjali tal-Kunsill. Id-deċiżjonijiet u l-approvazzjonijiet jibqgħu dejjem f'idejn l-uffiċjali u l-Kunsill, iżda l-għodda sservi bħala assistenza sabiex il-ħidma ssir b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

**Il-ħtieġa li l-Kunsill jadatta għal bidliet teknoloġiċi**

L-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali diġà sar parti mir-realtà tal-mod kif in-nies u l-organizzazzjonijiet jaħdmu llum.

Ħafna individwi u entitajiet qed jużaw dawn l-għodod sabiex jipproduċu komunikazzjonijiet aktar strutturati, dokumenti aktar ċari u argumentazzjonijiet aktar b'saħħithom.

Dan qed iwassal ukoll għal tibdil fil-mod kif issir il-komunikazzjoni bejn l-entitajiet u l-pubbliku, fejn il-kwalità u l-ħeffa tar-risposti qed ikomplu jiżdiedu.

Għalhekk, huwa importanti li l-Kunsill Lokali jkun attrezzat sabiex ilaħħaq ma' dan it-tibdil u juża t-teknoloġija b'mod responsabbli sabiex ikompli jtejjeb is-servizz tiegħu.

**Rakkomandazzjoni**

Il-Kumitat tal-Finanzi huwa mitlub jikkunsidra u japprova l-akkwist ta' abbonament ChatGPT Business għal żewġ utenti awtorizzati bħala l-ewwel fażi ta' introduzzjoni ta' din l-għodda fil-ħidma tal-Kunsill Lokali.

L-ispiża hija ta' madwar €21 għal kull utent fix-xahar fil-każ ta' abbonament annwali, jiġifieri spiża totali ta' madwar €504 fis-sena għaż-żewġ utenti.

**Qiegħed ikun imressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi.**

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

Ċ

Kunsill Lokali in-Naxxar

# Memorandum lill-Kumitat tal-Finanzi

**Lil:** Kumitat tal-Finanzi
**Minn:** Segretarju Eżekuttiv
**Data:** 15 ta' Lulju 2026
**Suġġett: Rakkomandazzjoni dwar Customer Success Services għal Zendesk u aġġornament tal-liċenzji għal Zendesk Suite Team**

## INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Lokali ilu juża s-sistema **Zendesk** għal diversi snin bħala l-pjattaforma ewlenija għall-immaniġġjar tat-talbiet, ilmenti u komunikazzjoni mar-residenti. Għaliex kienet sistema ġdida għall-Kunsill, il-liċenzja li nxtrat kienet dik l-aktar bażika sabiex naċċertaw li hija tajba biex taqdi l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Matul dan il-perjodu, is-sistema serviet tajjeb lill-Kunsill, filwaqt li fl-istess ħin il-pjattaforma kompliet tiżviluppa u llum toffri numru ta' funzjonalitajiet ġodda li jistgħu jkomplu jtejbu kemm l-esperjenza tar-residenti kif ukoll l-effiċjenza operattiva tal-Kunsill.

Wara laqgħa li saret ma' Deloitte Malta, li huma r-rappreżentanti lokali ta' Zendesk, ġew diskussi żewġ inizjattivi li huma marbuta ma' xulxin u li għandhom l-għan li jippermettu lill-Kunsill jagħmel użu aktar effettiv mill-investiment li diġà sar fis-sistema.

## 1. Customer Success Services

Sal-lum, meta kien ikun hemm bżonn ta' assistenza jew tibdil fis-sistema, il-Kunsill kien jitlob appoġġ fuq bażi *ad hoc* u jħallas biss għax-xogħol li jkun sar. Dan saħansitra wassal li jżommna lura milli nitolbu assistenza biex ma jkunx hemm piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

Deloitte qed tipproponi mudell li, għalkemm żviluppa minn sistemi ta' *maintenance agreements*, huwa differenti għal kollox. Dan infatti huwa bbażat fuq pakkett ta' sigħat u validu għal tnax-il xahar, li jippermetti lill-Kunsill jaħdem fuq programm strutturat ta' titjib kontinwu tas-sistema. Dan ifisser li, minflok l-interventi jsiru biss meta tinqala' problema, ikun hemm pjan ta' ħidma miftiehem minn qabel sabiex jiġu identifikati u implimentati titjibiet li jżidu l-effiċjenza u l-valur tas-sistema.

Is-servizz jinkludi fost l-oħrajn:

- assistenza teknika u konsultazzjoni kontinwa;
- reviżjoni annwali tal-konfigurazzjoni tas-sistema (Platform Health Check) ippjanata bil-quddiem;
- identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal awtomazzjoni u ottimizzazzjoni tal-proċessi;
- tħejjija ta' pjan ta' implimentazzjoni għal titjib futur;
- mentoring u taħriġ għall-amministraturi u l-utenti ewlenin tas-sistema;
- pakkett flessibbli ta' sigħat li jista' jintuża matul tnax-il xahar skont il-prijoritajiet tal-Kunsill.

Il-pakketti offruti huma dawn:

| Pakkett | Sigħat | Spiża (eskl. VAT) |
|---|---|---|
| Tier 1 | 30 | €2,950 |
| Tier 2 | 50 | €4,700 |
| Tier 3 | 80 | €7,000 |
| Tier 4 | 100 | €8,250 |

Fil-fehma tiegħi, il-pakkett **Tier 1 (30 siegħa)** huwa adegwat sabiex matul l-ewwel sena jiġu identifikati u implimentati l-aktar prijoritajiet importanti, filwaqt li sussegwentement il-Kunsill ikun jista' jevalwa jekk ikunx hemm il-ħtieġa ta' aktar investiment.

**2. Aġġornament tal-liċenzji għal Zendesk Suite Team**

Il-Kunsill bħalissa juża l-pjan Zendesk Support Team.

Matul il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-benefiċċju li l-liċenzji jiġu aġġornati għal **Zendesk Suite Team**, li joffri diversi funzjonalitajiet addizzjonali meta mqabbel mal-pjan attwali.

Fost il-benefiċċji ewlenin hemm:

- l-integrazzjoni ta' WhatsApp bħala kanal uffiċjali ta' komunikazzjoni mar-residenti;
- ġestjoni aktar integrata tal-komunikazzjoni kollha minn pjattaforma waħda;
- funzjonalitajiet aktar avvanzati ta' workflows u awtomazzjonijiet;

- live chat;
- rapporti u dashboards aktar dettaljati għall-monitoraġġ tas-servizz;
- għodod addizzjonali li jkomplu jtejbu l-produttività u jiffaċilitaw l-immaniġġjar tat-talbiet.

L-integrazzjoni ta' WhatsApp hija ta' interess partikolari peress li tipprovdi mezz ieħor ta' komunikazzjoni li llum huwa fost l-aktar użati mir-residenti, filwaqt li l-ġestjoni tibqa' ċentralizzata fi ħdan Zendesk.

L-esperjenza turi li dawn il-funzjonalitajiet jagħtu l-aħjar riżultati meta jiġu implimentati fuq il-bażi ta' ħtiġijiet operattivi identifikati. Għaldaqstant, is-servizz ta' Customer Success għandu jservi bħala l-pedament biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet u jiġi massimizzat il-benefiċċju tal-aġġornament għal Suite Team.

**KUNSIDERAZZJONIJIET FINANZJARJI**

Filwaqt li s-servizz ta' Customer Success huwa meqjus bħala prijorità sabiex il-Kunsill jibda proċess strutturat ta' reviżjoni u ottimizzazzjoni tas-sistema, l-aġġornament tal-liċenzji għal Zendesk Suite Team jinvolvi spiża rikorrenti annwali.

Għalhekk, huwa meqjus aktar prudenti li din l-ispiża tiġi ppjanata bħala parti mill-proċess tal-preparazzjoni tal-Baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2027 jew, jekk ikun hemm indikazzjoni ta' *savings,* mill-baġit ta' din is-sena tiġi implimentata qabel. Dan jippermetti li l-investiment jiġi ppjanat b'mod sostenibbli u fuq il-bażi tal-prijoritajiet li jkunu ġew identifikati matul il-programm ta' Customer Success Services.

**RAKKOMANDAZZJONI**

Nirrakkomanda li l-Kumitat tal-Finanzi:

1. Japprova l-akkwist tal-pakkett **Customer Success Services** – Tier 1 (30 siegħa) mingħand Deloitte Malta, b'investiment ta' €2,950 (eskluż VAT).
2. Japprova fil-prinċipju l-aġġornament tal-liċenzji minn Zendesk Support Team għal **Zendesk Suite Team**, u jawtorizza li l-ispiża relatata ma' dan l-aġġornament tiġi inkluża fil-proċess tal-preparazzjoni tal-Baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2027 jew, jekk jinstab li hemm iffrankar mill-baġit preżenti, tiġi mixtrija qabel.
3. Jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex, matul il-perjodu tal-Customer Success Services, jidentifika u jimplimenta, skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill u fil-limiti tas-sigħat approvati, il-prijoritajiet ewlenin għat-titjib tas-sistema, bil-għan li l-investiment futur fil-pjattaforma jkun ibbażat fuq analiżi u ippjanar ċar.

L-approvazzjoni ta' dawn il-miżuri ser tippermetti lill-Kunsill ikompli jsaħħaħ is-servizzi diġitali tiegħu, jagħmel użu aħjar mill-investiment li diġà sar f'Zendesk u jkompli jtejjeb il-kwalità tas-servizz mogħti lir-residenti.

**Qiegħed ikun imressaq għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi.**

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv

D

# Naxxar
# Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

### 1st January till End of June 2026 (Quarter 2)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

The Income and Expenditure for Quarter 2 is registering a surplus of €149,216. The annual budget for the year 2026, envisaged a breakeven position for the year.

The net current asset for the period is positive as the net current asset position is €745,185. This positive situation is due to the fact that the cash and cash equivalents were very high and in fact the balance as at end of June 2026 amounted to €1,098,370.

The results above confirmed that the financial situation is positive as the net position (i.e current assets, current liabilities and total long term liabilities) was positive and it amounted to 63% of the Annual Government Allocation.

Dr. Christopher Deguara
Mayor

Paul Gatt
Executive Secretary

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of June 2026 (Quarter 2)

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2026 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2026 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 601,874 | 1,219,989 | - | 1,219,989 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 62,523 | 91,350 | - | 91,350 |
| Income raised from LES (3) | 5,089 | 7,500 | - | 7,500 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 7,505 | 1,761 | - | 1,761 |
| **TOTAL** | **676,992** | **1,320,600** | **-** | **1,320,600** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 145,863 | 295,962 | - | 295,962 |
| Operations and Maintenance (7) | 255,570 | 622,683 | - | 622,683 |
| Administration (8) | 64,996 | 187,917 | - | 187,917 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 61,347 | 214,038 | - | 214,038 |
| **TOTAL** | **527,776** | **1,320,600** | **-** | **1,320,600** |
| **Surplus / Deficit** | **149,216** | **-** | **-** | **-** |

## Statement of Financial Position as at end of June 2026 (Quarter 2)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2026 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2026 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 1,374,135 | 1,354,462 | | 1,354,462 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 7,626 | 7,600 | - | 7,600 |
| Receivables (12) | 123,984 | 147,888 | - | 147,888 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 1,098,370 | 706,252 | - | 706,252 |
| **Total Current Assets** | **1,229,980** | **861,740** | **-** | **861,740** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 484,795 | 245,000 | - | 245,000 |
| **Total Current Liabilities** | **484,795** | **245,000** | **-** | **245,000** |
| **Net Current Assets** | 745,185 | 616,740 | - | 616,740 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **2,119,320** | **1,971,202** | **-** | **1,971,202** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **2,119,320** | **1,971,202** | **-** | **1,971,202** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Current Assets | 1,229,980 | 861,740 | - | 861,740 |
| Current Liabilities | 484,795 | 245,000 | - | 245,000 |
| **Working Capital** | 745,185 | 616,740 | - | 616,740 |
| Government Allocation | 1,187,989 | 1,187,989 | - | 1,187,989 |
| **FSI** | **63 %** | **52 %** | | **52 %** |

## Cash flow Statement

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2026 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2026 € |
|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | 149,216 | - | - | - |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 62,039 | 214,038 | - | 214,038 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | (692) | | 692 | (692) |
| Interest receivable | | | | - |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| Trasfer of Grants to Profit & Loss | | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | 263,267 | | | - |
| Increase / (Decrease) in accruals | | | | - |
| Decrease / (Increase) in receivables | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **473,830** | **214,038** | **692** | **213,346** |
| Interest paid | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **473,830** | **214,038** | **692** | **213,346** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (1,674) | (780,500) | | (780,500) |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | - | 646,500 | | 646,500 |
| Interest received | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **(1,674)** | **(134,000)** | **-** | **(134,000)** |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | **472,156** | **80,038** | **692** | **79,346** |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 626,214 | 626,214 | | 626,214 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **1,098,370** | **706,252** | **692** | **705,560** |

## Detailed Income

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2026 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2026 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Income** | | | | |
| 1 | | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 593,994 | 1,187,989 | | 1,187,989 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | | - | | - |
| | 0005-0019 | Other income | 7,880 | 32,000 | | 32,000 |
| | | | **601,874** | **1,219,989** | **-** | **1,219,989** |
| 2 | | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 | Community Services | 1,395 | 7,350 | | 7,350 |
| | 0026-0035 | Income from Permits | 61,128 | 84,000 | | 84,000 |
| | | | **62,523** | **91,350** | **-** | **91,350** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | 5,089 | 7,500 | | 7,500 |
| | 0038-0055 | Contraventions | - | | | - |
| | | | **5,089** | **7,500** | **-** | **7,500** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | | | | - |
| | 0096-0099 | Income received from Govermnet Securities | | | | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** |
| 5 | 0056-0065 | Sponsorships | - | | | - |
| | 0066-0069 | Documents & Information | 4,205 | 1,200 | | 1,200 |
| | 0070-0075 | EU funds | | | | - |
| | 0076-0080 | Twinning | | | | - |
| | 0081-0089 | Insurance Claims | | | | - |
| | 0100-0109 | Donations | 3,298 | | | - |
| | 0110-0119 | Contributions | - | | | - |
| | 0120-0129 | General Income | 3 | 561 | | 561 |
| | | | **7,505** | **1,761** | **-** | **1,761** |
| | | **Total** | **676,992** | **1,320,600** | **-** | **1,320,600** |

## Detailed Expenditure

| | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2026 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2026 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € |
| **6 i)** | **Personal Emoluments** | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 11,027 | 22,055 | | 22,055 |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 91,489 | 184,388 | | 184,388 |
| 1300 | Bonuses | 8,666 | 21,792 | | 21,792 |
| 1400 | Income Supplements | 2,833 | 1,878 | | 1,878 |
| 1500 | Social Security Contributions | 8,363 | 16,803 | | 16,803 |
| 1600 | Allowances | 19,200 | 38,400 | | 38,400 |
| 1700 | Overtime | 4,284 | 10,646 | | 10,646 |
| | | **145,863** | **295,962** | **-** | **295,962** |

| | DESCRIPTION | € | € | € | € |
|---|---|---|---|---|---|
| **7** | **Operations and Maintenance** | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 3,848 | 13,600 | | 13,600 |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 3,009 | 5,500 | | 5,500 |
| 2300-2399 | Repairs & upkeep | 13,391 | 96,000 | | 96,000 |
| 2400-2449 | Rent | 1,080 | 2,325 | | 2,325 |
| 3010 | Street Lightning | 14,189 | 30,000 | | 30,000 |
| 3020 | Lease of Equipment | 26 | 500 | | 500 |
| 3030 | Insurance | 2,809 | 6,290 | | 6,290 |
| 3035 | Bank Charges | 1,299 | 2,100 | | 2,100 |
| 3038 | Penalties | 10,817 | | | - |
| 3041 | Refuse Collection | - | - | | - |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 18,319 | 36,000 | | 36,000 |
| 3043 | Bins on wheels | - | - | | - |
| 3045 | Bring in sites | 14 | 1,000 | | 1,000 |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 93,080 | 190,000 | | 190,000 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 6,367 | 28,000 | | 28,000 |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 8,105 | 26,242 | | 26,242 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 6,492 | 12,093 | | 12,093 |
| 3040 | Waste Disposal | 857 | | | - |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | | | | - |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 46,955 | 101,033 | | 101,033 |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - |
| 6064 | Other Contractual Services | 484 | 2,000 | | 2,000 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | - | 5,000 | | 5,000 |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | | | | - |
| 3300-3379 | Hospitality | 2,244 | 6,300 | | 6,300 |
| 3380-3389 | Community | 21,913 | 58,700 | | 58,700 |
| 3390-3394 | Donations | | | | - |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | 271 | | | - |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - |
| | Security Services | | | | - |
| | | **255,570** | **622,683** | **-** | **622,683** |
| **8** | **Administration** | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 6,595 | 8,370 | | 8,370 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | | - | | - |
| 2450-2499 | Office Rent | | | | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | 1,709 | 1,700 | | 1,700 |
| 2600-2699 | Office Services | 1,623 | 6,800 | | 6,800 |
| 2700-2799 | Transport | 2,768 | 5,000 | | 5,000 |
| 2800-2899 | Travel | 903 | 9,000 | | 9,000 |
| 2900-2999 | Information Services | 2,664 | 12,500 | | 12,500 |
| 3050 | Office Cleaning | | | | - |
| 3410-3199 | Professional Services | 46,828 | 136,047 | | 136,047 |
| 3200-3299 | Training | 1,906 | 7,000 | | 7,000 |
| 3345 | Office Hospitality | | | | - |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | - | 1,500 | | 1,500 |
| | | | | | - |
| | | **64,996** | **187,917** | **-** | **187,917** |
| **9** | **Finance Costs** | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** |

## Detailed Statment of Financial Position

| Note | Code | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2026 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2026 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **10** | | **Other Expenditure** | | | | |
| | 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of asset | | | | - |
| | 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | (692) | | | - |
| | 8000-8099 | Depreciation As at end of June 2026 | 62,039 | 214,038 | | 214,038 |
| | | Depreciation released on disposal | - | | | - |
| | Depreciation | | **61,347** | **214,038** | **-** | **214,038** |
| | | **Total** | **527,776** | **1,320,600** | **-** | **1,320,600** |
| **11** | | **Inventories** | | | | |
| | 5201-5249 | Stationery | 7,626 | 7,600 | | 7,600 |
| | 5250-5299 | Consumables | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **7,626** | **7,600** | **-** | **7,600** |
| **12** | | **Receivables** | | | | |
| | 0201-0209 | Receivables | 25,361 | 37,888 | | 37,888 |
| | 0210-0219 | LES Receivables | | - | | - |
| | 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - |
| | 0250 | Prepayments & Accrued income | 98,623 | 110,000 | | 110,000 |
| | | | | - | | - |
| | | | **123,984** | **147,888** | **-** | **147,888** |
| **13** | | **Cash & Equivalents** | | | | |
| | 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 1,098,370 | 706,252 | | 706,252 |
| | | | **1,098,370** | **706,252** | **-** | **706,252** |
| **14** | | **Payables** | | | | |
| | 4000 | Payables | 145,621 | 180,000 | | 180,000 |
| | 4100 | Accruals | 42,177 | 55,000 | | 55,000 |
| | 4150 | Deferred Income | 296,997 | 10,000 | | 10,000 |
| | | Short-term Borrowings | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **484,795** | **245,000** | **-** | **245,000** |
| **15** | | **Non Current Liabilities** | | | | |
| | 4200 | Long Term Borrowing | | | | - |
| | | Advance Payment | | | | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** |

**16** **Total Commitments (Recurrent and Capital)**

| DESCRIPTION | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Recurrent and Capital** | | | |
| | - | - | - |
| **Long Term Loans** | | | |
| | - | - | - |
| **Others** | | | |
| | - | - | - |

## 17 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| **Asset** | Property | Assets under construction | New street signs & lights | Urban improvements & construction | Plant, machinery & equipment | Office furniture & fittings | Trees | Special programmes | Motor Vehicles | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | 1% | 0% | 100% | 10% | 20% | 8% | 0% | 10% | 20% | |
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2026 | 284,802 | 98,428 | 218,709 | 2,608,017 | 99,252 | 63,122 | 68,732 | 3,957,455 | 10,805 | 7,409,322 |
| Additions | | | | (4,245) | 1,316 | 450 | 4,154 | | | 1,674 |
| Disposals | | | | | | | | | | - |
| As at end of June 2026 | **284,802** | **98,428** | **218,709** | **2,603,772** | **100,568** | **63,572** | **72,886** | **3,957,455** | **10,805** | **7,410,996** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2026 | - | - | - | 991,662 | 19,997 | 2,700 | - | 1,412,563 | | **2,426,922** |
| Additions | | | | | | | | | | **-** |
| As at end of June 2026 | **-** | **-** | **-** | **991,662** | **19,997** | **2,700** | **-** | **1,412,563** | **-** | **2,426,922** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2026 | 21,601 | - | 218,709 | 660,432 | 64,952 | 46,414 | - | 2,524,987 | 10,805 | **3,547,900** |
| Charge for the period | 1,425 | - | - | 37,992 | 1,838 | 881 | - | 19,905 | - | **62,039** |
| Released on disposal | | | | | | | | | | **-** |
| As at end of June 2026 | **23,026** | **-** | **218,709** | **698,424** | **66,790** | **47,295** | **-** | **2,544,892** | **10,805** | **3,609,939** |
| **NBV** As at end of June 2026 | **261,776** | **98,428** | **-** | **913,686** | **13,782** | **13,578** | **72,886** | **0** | **-** | **1,374,135** |

F

**Post:** Kunsill Lokali in-Naxxar

**Data:** 23 ta' Lulju 2026

**Rin:** 11.00am - 12.00pm

**Prezenti:** Is-Sindku, 11-Vici Sindku, il-Kunsillier Pierre Sciberras, Is-Segretarju E:zekuttiv u Yanika Borg, ufficjal tal-Kunsill.

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-kaz.**

**Dawn li gejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deci:zjoni tas-sotto-kumitat:**

| *Ref. No.* | *Tkt. No.* | *Deskrizzjoni tat-talba* | *Isem tat-triq* | *Rakkomandazzjoni tas-Sotto-kumitat* |
|---|---|---|---|---|
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | | [illegible] | [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] **Clean after your dog** [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | **Xambekk** | [illegible] |
| [illegible] | [illegible] | [illegible] | **Marokk** | [illegible] |

G

**MOZZJONI**

**Il-Kunsillier Andrè Muscat jipproponi:**

**Premess li:**

- Il-Monti ta' nhar ta' Ħamis bħalissa jintrama f'parti minn Triq Ħal Dgħejf u f'parti minn Triq l-Għenieq;
- Li maż-żmien il-bejjiegħa naqsu drastikament bil-konsegwenzi li fuq iż-żewġ partijiet hemm numru ta' posti battala;
- L-arranġament attwali jirriżulta fl-għeluq ta' żewġ toroq kull nhar ta' Ħamis, b'impatt fuq il-parkeġġ disponibbli għar-residenti, l-immaniġġjar tat-traffiku u l-mobilità fiż-żona;
- Il-fatt li l-Monti huwa maqsum fuq iż-żewġ naħat ta' Vjal il-21 ta' Settembru joħloq tħassib dwar is-sigurtà tal-pubbliku, peress li l-persuni li jżuru l-Monti jkollhom jaqsmu triq kważi arterjali li minnha jgħaddi traffiku konsiderevoli;
- Il-konċentrazzjoni tal-Monti kollu f'żona waħda twassal għal organizzazzjoni aktar effiċjenti tal-Monti, ittejjeb l-immaniġġjar tat-traffiku u tnaqqis fl-inkonvenjenzi u r-riskji għar-residenti u għall-pubbliku.

**Għalhekk, il-Kunsill Lokali jiddeċiedi li:**

1. Jadotta l-pożizzjoni li l-Monti ta' nhar ta' Ħamis għandu jiġi kkonċentrat kollu fil-parti ta' Triq Ħal Dgħejf, u ma jibqax jokkupa parti minn Triq l-Għenieq.
2. Jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jorganizza laqgħa mal-bejjiegħa tal-Monti sabiex jiġu kkonsultati dwar din il-proposta u sabiex jiġi esplorat il-kunsens tagħhom dwar l-implimentazzjoni tagħha.
3. F'każ li jkun hemm qbil mal-partijiet ikkonċernati, jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Ministeru responsabbli u lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa, inkluż kwalunkwe emenda meħtieġa fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja applikabbli, sabiex din il-bidla tkun tista' tiġi implimentata.

**Jissekonda:** _______________

15 ta' Lulju 2026

# MOZZJONI

## Ftuħ ta' Kont Bankarju Dedikat għall-Ħlasijiet Online u l-Adozzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern għall-amministrazzjoni tiegħu

**Is-Sindku jipproponi:**

**Premess illi** l-Kunsill Lokali, sabiex jiffaċilita l-ħlas ta' servizzi u xiri online fejn metodi tradizzjonali ta' ħlas mhux dejjem ikunu disponibbli, jeħtieġ li juża kard tad-debitu marbuta ma' kont bankarju dedikat;

**U billi** huwa fl-interess tal-Kunsill li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn uffiċjali tal-Kunsill ikollhom jużaw fondi personali sabiex iwettqu ħlasijiet f'isem il-Kunsill u sussegwentement jintalab rimborż;

**Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar jirriżolvi li:**

1. Jawtorizza l-ftuħ ta' kont bankarju dedikat marbut ma' kard tad-debitu sabiex jintuża għall-ħlasijiet elettroniċi u online tal-Kunsill.

2. Jadotta l-"Qafas ta' Kontroll Intern għall-Amministrazzjoni ta' Kont Bankarju Dedikat u Kard tad-Debitu", anness ma' din il-mozzjoni bħala Anness A, li għandu jirregola l-operat, il-kontrolli u l-użu tal-imsemmi kont u kard tad-debitu.

3. Jawtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv jieħu l-passi amministrattivi u bankarji kollha meħtieġa sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' din ir-riżoluzzjoni.